IL-KUMMISSJONI EWROPEA
Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks

# SEJĦA GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET FIL-KUNTEST TAL-FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA FIL-QASAM TAN-NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI TRANS-EWROPEJ

## Il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali: WiFi4EU (WiFi4EU-2018-1)

## 1. SFOND U RAĠUNAMENT

Il-kuntest ġenerali għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet huwa ddefinit fit-taqsimiet 2.3.2 u 4 tal-Programm ta' Ħidma tat-Telekomunikazzjonijiet tas-CEF[1] emendat tal-2017 u tal-Programm ta' Ħidma tat-Telekomunikazzjonijiet tas-CEF[2] tal-2018 kif ippubblikati fil-paġna tal-WiFi4EU fis-sit web tal-INEA[3]. L-isfond u r-raġunament wara din is-sejħa għall-applikazzjonijiet huma ddefiniti fit-Taqsima 4.1.1 tal-Programm ta' Ħidma emendat tal-2017 u l-Programm ta' Ħidma tal-2018.

Għall-finijiet ta' din is-sejħa, se tingħata għotja ssimplifikata fil-forma ta' somma f'daqqa ("vawċer").

## 2. PRIJORITAJIET U OBJETTIVI

### 2.1. L-eżiti tal-prijoritajiet

L-eżiti prijoritarji ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet huma ddefiniti fit-Taqsima 4.1.2 tal-Programm ta' Ħidma emendat tal-2017 u l-Programm ta' Ħidma tal-2018.

L-inizjattiva WiFi4EU hija skema ta' appoġġ li tipprovdi aċċess għal Internet ta' kwalità għolja lir-residenti lokali u lill-viżitaturi fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali.

Tali konnettività lokali bla fili u li hi mingħajr ħlas u mingħajr kondizzjonijiet diskriminatorji mistennija tikkontribwixxi biex jitnaqqas id-distakk diġitali, b'mod

[1] Il-Programm ta' Ħidma tat-Telekomunikazzjonijiet CEF tal-2017 Emendat - Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017)7732. Ara wkoll ir-Regolament (UE) 2017/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fir-rigward tal-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex:32017R1953

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)568

[3] https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu

Agence exécutive pour l'innovation et les réseaux /Uitvoerend Agentschap innovatie en netwerken, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË - Tel. +32 22991111

speċjali f'kommunitajiet li għadhom lura f'termini ta' litteriżmu diġitali, inkluż f'żoni rurali u dawk imbiegħda.

Din għandha ttejjeb aktar l-aċċess għal servizzi online li jżidu l-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet lokali billi tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi, pereżempju is-saħħa elettronika u l-gvern elettroniku, tippermetti l-ħolqien ta' offerti ta' inklużjoni diġitali ġodda, eż. korsijiet tal-kompjuter u l-użu tal-internet, u tippromwovi l-iżvilupp ta' intrapriżi lokali żgħar u ta' daqs medju innovattivi fi prodotti u servizzi diġitali.

## 2.2. IR-RIŻULTATI MISTENNIJA MILL-ASSISTENZA FINANZJARJA

Il-benefiċji u l-eżiti mistennija ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet huma ddefiniti fit-Taqsima 4.1.2 tal-Programm ta' Ħidma emendat tal-2017 u l-Programm ta' Ħidma tal-2018. Għadd indikattiv ta' 2,800 vawċer mistenni li jkun mogħti skont din is-sejħa.

# 3. SKEDA TAŻ-ŻMIEN

| | |
|---|---|
| Il-ftuħ tas-sejħa għall-applikazzjonijiet | Is-7 ta' Novembru 2018 (13:00:00 CET) |
| L-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet | Id-9 ta' Novembru 2018 (17:00:00 CET) |
| L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet | Novembru 2018 (indikattiv) |
| Konsultazzjoni tal-Kumitat tas-CEF | Novembru 2018 (indikattiv) |
| Adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Għażla | Diċembru 2018 (indikattiv) |
| It-tħejjija u l-iffirmar tal-Ftehimiet tal-Għotjiet | Diċembru 2018 (indikattiv) |

# 4. BAĠIT

L-ammont indikattiv li għandu jiġi allokat fuq il-bażi ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-inizjattiva WiFi4EU huwa ta' EUR 42 miljun. L-ammont ta' kull vawċer li għandha tiġi allokata huwa ta' EUR 15,000 fil-forma ta' somma f'daqqa.

# 5. REKWIŻITI GĦALL-AMMISSIBILITÀ

Hemm erba' rekwiżiti għall-ammissjoni kif ġej:

1. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu **sottomessi b'mod elettroniku** permezz tal-Portal WiFi4EU[4].

2. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi bl-użu ta' **kont tal-EU Login**[5] **marbut mar-reġistrazzjoni tal-muniċipalità**.

[4] https://www.wifi4eu.eu/#/home
[5] Għal aktar informazzjoni dwar kif tikseb EUlogin, ara https://webgate.ec.europa.eu/cas

3. L-applikazzjonijiet iridu jkunu **kompleti**, jiġifieri jinkludi dawn iż-żewġ dokumenti ta' sostenn - li jridu jkunu jistgħu jinqraw - imtellgħin fil-Portal tal-WiFi4EU:

1. Formola tal-"prova tal-qbil li ssir l-applikazzjoni" mir-rappreżentant legali (jiġifieri s-sindku/kap tal-muniċipalità)(inkluż kopja tal-ID legali/passaport)[6]
2. Kopja tal-att tan-nominazzjoni tar-rappreżentant legali

4. L-applikazzjonijiet iridu jiġu **sottomessi wara li tinfetaħ is-sejħa u qabel l-iskadenzi tas-sejħa** indikata fit-taqsima 3 hawn fuq.

Il-Portal WiFi4EU mhux se jippermetti li tiġi sottomessa applikazzjoni sakemm iż-żewġ dokumenti ta' sostenn elenkati hawn fuq ma jittellgħux fuq il-Portal.

L-applikazzjonijiet jew parti(jiet) ta' applikazzjonijiet sottomessi permezz tal-posta elettronika jew stampati ma jkunux ammissibbli.

Kull benefiċjarju jista' biss jibbenefika minn vawċer wieħed għat-tul ta' żmien kollu li ddum sejra l-inizjattiva.

## 6. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

### 6.1. L-applikanti eliġibbli

Skont il-Programm ta' Ħidma tal-2017 u l-Programm ta' Ħidma tal-2018, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati biss minn muniċipalità jew assoċjazzjoni maħluqa minn muniċipalitajiet f'isem il-membri tagħha stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE, l-Iżlanda jew in-Norveġja[7]. L-applikanti jridu jkunu inklużi fil-lista[8] ta' muniċipalitajiet u assoċjazzjonijiet ta' muniċipalitajiet kif stabbilit fid-data tat-tnedija tas-sejħa[9].

NB: L-assoċjazzjonijiet tal-muniċipalitajiet jistgħu japplikaw f'isem il-membri tagħhom, jiġifieri muniċipalità waħda jew diversi. Madankollu, l-assoċjazzjoni tal-muniċipalitajiet ma jistgħux ikunu huma stess il-benefiċjari tal-vawċers. Huma biss il-muniċipalitajiet individwali li jistgħu jibbenefikaw minn vawċer.

---

[6] Din il-formola hija disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu

[7] B'konformità mat-taqsima 5.3.1 tal-Programm ta' Ħidma emendat tal-2017, il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fis-sejħa għall-applikazzjonijiet, anki meta ma jkunux imsemmija b'mod espliċitu fit-test tal-Programm ta' Ħidma, bl-istess drittijiet, obbligi u rekwiżiti bħall-Istati Membri tal-UE.

[8] Ara: https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/list-eligible-entities-wifi4eus-first-call

[9] L-Artikolu 9(1a) tar-Regolament CEF (ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 Test b'rilevanza għaż-ŻEE (http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32013R1316) , jindika li sabiex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed u biex tiġi eliminata l-ħtieġa għal ftehim dwar kull applikant, qabel it-talba, l-Istat Membru kkonċernat ikun qabel dwar il-kategoriji ta' benefiċjarji (muniċipalitajiet jew assoċjazzjonijiet iffurmati minn muniċipalitajiet) stabbiliti fit-taqsima 5.4 tal-Programm ta' Ħidma emendat tal-2017, jew ikun innotifika lill-Kummissjoni b'xi mod ieħor.

Għall-applikanti Brittaniċi: Jekk jogħġbok kun af li jrid ikun hemm konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà tul id-durata *sħiħa* tal-għotja. Jekk ir-Renju Unit jirtira mill-UE matul il-perjodu tal-għotja finanzjarja mingħajr ma jiġi konkluż ftehim mal-UE li jiżgura b'mod partikolari li l-applikanti Brittaniċi jkomplu jkunu eliġibbli, ma tibqax tirċievi finanzjament mill-UE (filwaqt li tkompli tipparteċipa, meta dan ikun possibbli) jew tiġi mitlub titlaq mill-proġett abbażi tal-Artikolu II.16.3.1 (a) (*bidla tas-sitwazzjoni legali tal-benefiċjarju*) tal-Ftehim tal-Għotja[10].

## 6.2. L-azzjonijiet eliġibbli

L-inizjattiva WiFi4EU timmira li tipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li:

(1) huma implimentati minn muniċipalitajiet li jkollhom jippjanaw u jissorveljaw l-installazzjoni ta' punti ta' aċċess bla fili fuq ġewwa jew fuq barra fi spazji pubbliċi, u li jkollhom jimpenjaw ruħhom li:

a) iżommu n-netwerk(s) tal-WiFi4EU operattivi b'mod sħiħ għal perjodu ta' tliet snin li jibda mid-data tan-notifika ta' konferma mill-Aġenzija deskritta fl-Artikolu 4.2 tal-Ftehim tal-Għotja;
b) irrikonfigura n-netwerk(s) tal-WiFi4EU sabiex jikkonnettjahom mas-soluzzjoni għall-awtentikazzjoni sikura u l-monitoraġġ b'konformità sħiħa mar-rekwiżiti stipulati fil-Punt 6.2.1[11]

(2) jibnu fuq konnettività tal-broadband veloċi li tagħmilha possibbli li l-utenti jkunu jistgħu jesperjenzaw internet ta' kwalità għolja li:

a) tkun mingħajr ħlas u mingħajr kondizzjonijiet diskriminatorji, faċli li tiġi aċċessata, u li juża l-aktar tagħmir reċenti u mill-aqwa disponibbli, li jkun kapaċi jwassal konnettività veloċi lill-utenti tiegħu; u
b) tappoġġa l-aċċess għal servizzi diġitali innovattivi, bħal dawk offruti permezz ta' infrastrutturi tas-servizzi diġitali;
c) għall-finijiet tal-aċċessibbiltà, tipprovdi aċċess għal servizzi mill-inqas bil-lingwi rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat u, safejn ikun possibbli, b'lingwi uffiċjali oħra tal-UE;
d) tkun ipprovduta fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali, inkluż fi spazji fil-beraħ miftuħa għall-pubbliku ġenerali fil-ħajja pubblika tal-komunitajiet lokali.

(3) jutilizzaw l-identità viżiva komuni li tipprovdi l-Kummissjoni *(ara t-taqsima 11 hawn taħt);*

(4) ikunu impenjati li jakkwistaw (jew jissottomettu għal proċedura ekwivalenti) it-tagħmir meħtieġ u s-servizzi relatati ta' installazzjoni, fejn meħtieġ skont il-liġi applikabbli għall-installazzjoni ta' punti tal-aċċess tal-WiFi fiż-żoni fejn l-ebda offerti simili ta' konnettività bil-WiFi ma jeżistu diġà.

---

[10] Il-mudell tal-Ftehim tal-Għotja huwa disponibbli fuq il-paġna web tas-sejħa: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu

[11] Is-soluzzjoni ta' awtentikazzjoni sikura u monitoraġġ mistennija li tkun skjerata fit-tliet snin li ġejjin.

Il-vawċer tal-WiFi4EU għandu jintuża biex jiffinanzja kwalunkwe waħda minn dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

a) L-installazzjoni ta' netwerk Wi-Fi pubbliku ġdid għal kollox
b) It-titjib ta' netwerk eżistenti pubbliku tal-Wi-Fi.
c) L-estensjoni tal-kopertura ta' netwerk eżistenti pubbliku tal-Wi-Fi.

*6.2.1 Ir-rekwiżiti għall-konfigurazzjoni u l-konnessjoni tan-netwerk(s) tal-WiFi4EU mas-soluzzjoni ta' monitoraġġ tal-KE*

Suġġett għar-raba' paragrafu hawn taħt, il-benefiċjarju għandu jiżgura li l-punti ta' aċċess iffinanzjati b'vawċer tal-WiFi4EU jxandru biss l-SSID tal-WiFi4EU u li l-obbligi kif stipulati fil-Punt 6.2.4 japplikaw b'mod sħiħ.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li n-netwerk WiFi4EU b'WiFi4EU SSID ikun netwerk miftuħ fis-sens li ma jirrikjedi l-ebda tip ta' awtentikazzjoni tal-informazzjoni (bħall-użu ta' password) biex wieħed jaqbad miegħu. Ladarba l-utent jikkollega miegħu, il-benefiċjarju għandu jiżgura li n-netwerk WiFi4EU b'WiFi4EU SSID juri https captive portal qabel jawtorizza lill-utent jaqbad mal-Internet.

Sakemm ma jkunx meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali b'konformità mal-liġi tal-Unjoni, il-konnessjoni mal-Internet permezz tal-WiFi4EU SSID ma għandhiex teħtieġ reġistrazzjoni jew awtentikazzjoni fil-captive portal u għandha ssir permezz ta' buttuna b'"konnessjoni bi klikk waħda" fil-captive portal.

Il-benefiċjarju jista' jxandar SSID addizzjonali għal konnessjonijiet żgurati xierqa msemmija fil-Punt 6.2.1.2 mill-bidu tal-Fażi I u taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Il-benefiċjarju jista' wkoll jxandar SSID addizzjonali sakemm ikun limitat għal użu intern tal-benefiċjarju u ma jeffettwax il-kwalità tas-servizz offrut lill-pubbliku. F'dawn iż-żewġ każijiet, il-benefiċjarju għandu b'mod xieraq jiddifferenzja tali SSIDs mill-WiFi4EU SSID miftuħ u jiżgura li l-obbligi kif stipulati fil-Punti 6.2.3 u 6.2.4 japplikaw bis-sħiħ.

Fil-każ ta' punti ta' aċċess mhux iffinanzjati mill-vawċer tal-WiFi4EU, il-benefiċjarju jista' jxandar ukoll l-SSID tal-WiFi4EU (bħala l-SSID uniku jew b'mod parallel mal-SSID lokali eżistenti tagħhom). Il-benefiċjarju għandu jiżgura li tal-inqas għall-utenti finali mqabbdin mal-SSID tal-WiFi4EU, l-obbligi kif stipulati fil-Punti 6.2.3, 6.2.4 u fil-Punt 6.2.1 preżenti japplikaw b'mod sħiħ.

Il-konnessjoni mas-soluzzjoni tal-monitoraġġ tal-KE għandha tiġi implimentata wara approċċ b'żewġ fażijiet.

*6.2.1.1 Fażi I*

Ir-reġistrazzjoni, l-awtentikazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-kontijiet tal-utenti huma r-responsabbiltà ta' kull benefiċjarju b'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-UE:

Il-benefiċjarju għandu jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin għall-captive portal fil-WiFi4EU SSID:

a) In-netwerk tal-WiFi4EU b'WiFi4EU SSID għandu juża https captive portal għall-interfaċċa mal-utenti.

Il-captive portal għandu jistabbilixxi perjodu ta' rikonoxximent awtomatiku ta' utenti konnessi preċedentement, sabiex b'hekk il-captive portal ma jerġax jintwera f'konnessjoni mill-ġdid. Dan il-perjodu għandu awtomatikament jiġi ssettjat mill-ġdid kuljum f'00:00 jew tal-inqas jiġi stabbilit għal massimu ta' 12-il siegħa.

b) L-isem tad-dominju assoċjat mal-https captive portal għandu jkun klassiku (mhux IDN), magħmul mill-karattri a-z, iċ-ċifri 0 sa 9, u s-sing (-).

c) L-identità viżiva: il-captive portal għandu jinkludi l-identità viżiva WiFi4EU.

d) Il-captive portal għandu jinkorpora snippet ta' traċċar biex l-Aġenzija tkun tista' timmonitorja b'mod remot in-netwerk WiFi4EU.

Il-linji gwida tal-installazzjoni tal-isnippet huma disponibbli fil-link li ġejja: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu. Is-snippet mhux se tiġbor *data* personali. Din se sservi biex tgħodd in-numru ta' utenti konnessi man-netwerk WiFi4EU, tillowdja l-identità viżiva tal-WiFi4EU u tara li din tkun tidher sew.

e) Il-captive portal għandu jinkludi dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li tinforma lill-utenti b'mod ċar dwar il-fatt li WiFi4EU huwa netwerk pubbliku miftuħ. Iċ-ċaħda ta' responsabbiltà jenħtieġ li tinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet ta' prekawzjoni li ġeneralment jingħataw meta wieħed jaċċessa l-Internet permezz ta' netwerks bħal dawn.

Il-benefiċjarju huwa intitolat li jistabbilixxu netwerks tal-WiFi4EU distinti ffinanzjati bl-istess vawċer, kull wieħed minnhom b'ismijiet ta' dominji differenti u captive portals differenti. L-obbligu skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim tal-Għotja li n-netwerk tal-WiFi4EU jinżamm attiv għal perjodu ta' 3 snin wara l-verifika mill-Aġenzija japplika għal kull wieħed mit-tali netwerks tal-WiFi4EU ffinanzjati bl-istess vawċer.

L-Ewwel Fażi hija applikabbli sakemm il-benefiċjarju jirċievi notifika li t-Tieni Fażi ġiet attivata. Ladarba jkun notifikat, il-benefiċjarju se jkollu l-obbligu skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim tal-Għotja, li jaġġusta il-konfigurazzjoni tan-netwerk b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Punt 6.2.1 kif spjegati aktar fid-dettall fin-notifika, fil-perjodu ta' żmien li se jiġi indikat hemmhekk.

#### *6.2.1.2 Fażi II*

Fi stadju aktar tard, se tiġi stabbilita sistema għall-awtentikazzjoni sikura u l-monitoraġġ fil-livell tal-UE u se jkun hemm il-possibbiltà li din tevolvi fi struttura federali.

Skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim tal-Għotja, ladarba s-soluzzjoni għall-awtentikazzjoni sikura u l-monitoraġġ tkun operattiva, il-benefiċjarju għandu jikkonfigura mill-ġdid in-netwerk(s) tal-WiFi4EU sabiex jikkonnettjah(om) ma' din is-sistema. Din ir-rikonfigurazzjoni se tinkludi ż-żamma tas-SSID tal-WiFi4EU miftuħ bl-użu ta' captive portal, iż-żieda ta' SSID tal-WiFi4EU għal konnessjonijiet sikuri xierqa (jew billi tinbidel is-sistema eżistenti tiegħu bbażata lokalment fil-każ ta' dik komuni jew inkella billi sempliċiment tinżied dik komuni bħala t-tielet SSID) u jiġi żgurat li s-soluzzjoni tista' timmonitorja n-netwerks tal-WiFi4EU fil-livell tal-punt tal-aċċess.

Ir-reġistrazzjoni u l-awtentikazzjoni tal-utenti għall-WiFi4EU SSID miftuħ u għal SSID ibbażat lokalment għal konnessjonijiet siguri fejn dan jeżisti, kif ukoll l-awtorizzazzjoni u l-kontijiet tal-utenti għall-SSIDs kollha tibqa' r-responsabbiltà ta' kull benefiċjarju b'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-UE.

### 6.2.2 *Rekwiżiti tekniċi għat-tagħmir tal-WiFi tan-netwerk(s) tal-WiFi4EU:*

Il-benefiċjarju għandu jinstalla għadd ta' Punti ta' Aċċess li jirrifletti l-valur tal-vawċer fis-suq tiegħu. Fi kwalunkwe każ dan għandu jinstalla mill-inqas l-għadd li ġej, li jiddependi mill-kombinazzjoni ta' Punti ta' Aċċess fuq ġewwa jew fil-beraħ:

| L-għadd minimu ta' Punti ta' Aċċess fil-beraħ | L-għadd minimu ta' Punti ta' Aċċess fuq ġewwa Punti ta' Aċċess |
|---|---|
| 10 | 0 |
| 9 | 2 |
| 8 | 3 |
| 7 | 5 |
| 6 | 6 |
| 5 | 8 |
| 4 | 9 |
| 3 | 11 |
| 2 | 12 |
| 1 | 14 |
| 0 | 15 |

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li kull Punt ta' Aċċess:

- Jiflaħ għal użu b'dual-band konkorrenti (2,4Ghz - 5Ghz)
- Għandu ċiklu ta' appoġġ ta' aktar minn 5 snin
- Għandu żmien medju ta' bejn il-ħsarat (MTBF) ta' mill-anqas 5 snin
- Għandu unità dedikata u ċentralizzata għal punt uniku ta' ġestjoni għall-PA kollha ta' kull netwerk tal-WiFi4EU
- Jappoġġa IEEE 802.1x
- Ikun jikkonforma mal-IEEE 802.11ac Wave I
- Jappoġġa IEEE 802.11r
- Jappoġġa IEEE 802.11k
- Jappoġġa IEEE 802.11v
- Ikun kapaċi jlaħħaq ma' tal-inqas 50 utent f'salt mingħajr degradazzjoni tal-prestazzjoni tas-servizz
- Ikollu mill-inqas 2x2 multiple-input-multiple-output (MIMO)
- Ikun konformi mal-Hotspot 2.0 (programm taċ-ċertifikazzjoni tal-Passpoint Wi-Fi Alliance).

### 6.2.3 *Rekwiżiti tal-kwalità tas-servizz*

Sabiex jiġi żgurat li n-netwerk iffinanzjat mill-WiFi4EU jkun kapaċi jipprovdi esperjenza ta' kwalità għolja lill-utent, il-benefiċjarju għandu jabbona għal offerta ekwivalenti għall-konnessjoni tal-internet bl-ogħla veloċità disponibbli fis-suq tal-massa f'dik iż-żona u

f'kull każ għal waħda li toffri mill-inqas 30 Mbps tat-tniżżil. Il-benefiċjarju għandu jiżgura wkoll li din il-veloċità backhaul tkun mill-inqas ekwivalenti għal dak - jekk ikun hemm - li jintuża mill-benefiċjarju għal ħtiġijiet ta' konnettività interna tiegħu.

### *6.2.4 Obbligi relatati dwar imposti, reklamar u użu tad-data*

1. Il-benefiċjarju għandu jiżgura li l-aċċess tal-utent finali għan-netwerk WiFi4EU għandu jkun mingħajr ħlas, jiġifieri mogħti bla remunerazzjoni korrispondenti imħallas sew b'mod dirett jew b'xi tipi oħrajn ta' kunsiderazzjonijiet, b'mod partikolari li jkun ħieles minn reklamar kummerċjali, u lanqas ma jsir użu mill-ġdid tad-*data* personali għal finijiet kummerċjali.

2. Il-benefiċjarju għandu jiżgura li l-aċċess tal-utenti aħħari permezz ta' operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettroniċi għandu jkun provdut ukoll mingħajr diskriminazzjoni, jiġifieri mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet meħtieġa skont il-liġi tal-Unjoni jew skont il-liġi nazzjonali li tkun konformi mal-liġi tal-Unjoni, filwaqt li jkun suġġett għal ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tan-netwerk u b'mod partikolari l-ħtieġa li tiġi żgurata allokazzjoni ġusta tal-kapaċità fost l-utenti fl-eqqel ħinijiet.

3. L-ipproċessar għal finijiet analitiċi u ta' statistika jista' jsir regolarment biex jippromwovi, jissorvelja, jew itejjeb il-funzjonament tan-netwerks. Għal dan il-għan, kull ħażna jew ipproċessar ta' *data* personali għandha tiġi anonimizzata skont l-Istqarrija ta' Privatezza Speċifika Skont is-Servizz(i).

### 6.3 Il-kriterji ta' esklużjoni

Applikant se jkun eskluż milli jipparteċipa fis-sejħa għal applikazzjonijiet jekk ikun f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju[12]. Għal dak il-għan, l-applikant se jintalab jiffirma dikjarazzjoni fuq l-unur permezz tal-Portal ta' WiFi4EU. Il-Portal se jinkludi wkoll link għal-lista tas-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni stabbiliti fl-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju.

## 7. PROĊESS TAL-GĦAŻLA[13]

Il-vawċers se jiġu allokati fuq bażi "ta' min hu l-ewwel, jinqeda l-ewwel", billi jintuża t-timbru tal-ħin tas-sottomissjoni b'suċċess tal-applikazzjoni kif irreġistrat fil-Portal WiFi4EU. Il-kronogramma hija determinata mal-wasla tal-preżentazzjoni minn server ċentrali abbażi tal-arloġġ tas-server ċentrali fil-Ħin tal-Ewropea Ċentrali (tas-sajf) (CE(S)T) (ħin ta' Brussell). Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm distribuzzjoni ġeografika bilanċjata tal-finanzjament, għandhom jintużaw il-kriterji li ġejjin fl-għażla tal-applikazzjonijiet:

1. Minimu ta' 15-il vawċer għal kull Stat Membru u pajjiż taż-ŻEE (l-Iżlanda u n-Norveġja) se jiġu allokati f'din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, sakemm jaslu biżżejjed applikazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi.

---

[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1)

[13] Ara l-Anness 4 tal-Programm ta' Ħidma emendat tal-2017

2. It-total ta' vawċers għal kull Stat Membru u pajjiż taż-ŻEE (l-Iżlanda u n-Norveġja) m'għandux jaqbeż it-8 % tal-baġit li se jingħata.

Lista ta' riżerva b'għadd limitat ta' applikazzjonijiet għal kull pajjiż eliġibbli se tiġi stabbilita. Jekk isir disponibbli l-baġit, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu magħżula mil-lista ta' riżerva. Għal dan il-għan, il-kriterji msemmija hawn fuq se jiġu applikati fl-għażla tal-applikazzjonijiet mil-lista ta' riżerva. Il-lista ta' riżerva se tkun valida biss għal din is-sejħa u l-applikanti fuq il-lista ta' riżerva se jiġu infurmati bid-data sa meta l-lista ta' riżerva se tkun valida.

## 8. KONFORMITÀ MAL-LIĠI TAL-UE

Skont l-Artikolu 23 tar-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, huma biss l-azzjonijiet b'konformità mal-liġi tal-UE li għandhom jiġu ffinanzjati.

## 9. DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

### 9.1. Il-prinċipji ġenerali

#### *9.1.1 Sorsi oħrajn ta' finanzjament*

Skont l-Artikolu 191 tar-Regolament Finanzjarju, azzjoni tista' tirċievi biss għotja waħda mill-baġit tal-UE. L-istess spejjeż, fl-ebda ċirkostanza ma jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit tal-UE.

#### *9.1.2 Nonretroattività*

Skont l-Artikolu 193 tar-Regolament Finanzjarju, l-ebda għojta ma tista' tingħata retrospettivament għal azzjonijiet li diġà tlestew sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-Għotja.

### 9.2. Il-forom ta' finanzjament

#### *9.2.1 L-għamla tal-għotja*

L-għotjiet li għandhom jingħataw skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet se jieħdu l-għamla ta' kontribuzzjoni f'somma f'daqqa ta' EUR 15,000 għal kull benefiċjarju.

#### *9.2.2 It-tul ta' żmien tal-azzjoni*

Id-data tal-bidu tal-azzjoni hija d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-Għotja u t-tul taż-żmien tagħha huwa għal perjodu massimu ta' 18-il xahar.

### 9.3. L-arranġamenti għall-ħlas

Skont it-termini tal-Ftehim tal-Għotja, il-ħlas tal-vawċer se jsir lill-kumpanija tal-installazzjoni tal-WiFi meta l-installazzjoni tkun ġiet ikkonfermata bħala funzjonali skont il-Ftehim tal-Għotja. Il-ħlas isir malajr kemm jista' jkun fi żmien massimu ta' 60 jum lill-kont tal-bank ipprovdut lill-Portal tal-WiFi4EU mill-kumpanija tal-installazzjoni. Jekk jogħġbok innota li rendikont tal-bank jew dokument ekwivalenti jrid jittella' mill-kumpanija tal-installazzjoni tal-WiFi.

Nuqqas mill-benefiċjarju li:

a) jikkonforma mal-obbligi li jżomm l-installazzjoni tal-WiFi attiva għal perjodu ta' tliet snin;
b) irrikonfigura n-netwerk(s) tal-WiFi4EU tiegħu sabiex jikkonnettjahom mas-soluzzjoni għall-awtentikazzjoni sikura u l-monitoraġġ b'konformità sħiħa mar-rekwiżiti stipulati fil-Punt 6.2.1

jista' jwassal għall-irkupru tal-ammont tal-vawċer mingħand il-benefiċjarju.

L-Aġenzija mhix se tintervjeni fir-relazzjonijiet kontraenti tal-benefiċjarju mal-kumpanija tal-installazzjoni tal-Wi-Fi.

## 10. FTEHIM TAL-GĦOTJA

Il-muniċipalità li jirnexxielha tieħu l-għotja se tkun mistiedna mill-INEA biex tiffirma Ftehim tal-Għotja, imfassal f'EUR u li jippreċiża l-kondizzjonijiet ta' finanzjament. Il-mudell tal-Ftehim tal-Għotja standard, li huwa disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, mhuwiex negozjabbli[14].

Ir-rappreżentant legali (Sindku/Kap ta' muniċipalità) għandu jiffirma l-Ftehim tal-Għotja. Fil-każ li rappreżentant legali jixtieq jaħtar persuna oħra biex tiffirmah, id-dokumenti li ġejjin għandhom jittellgħu fuq il-Portal WiFi4EU, sa mhux aktar tard minn qabel l-iffirmar tal-Ftehim tal-Għotja:

1. Il-formola tal-persuna awtorizzata[15]
2. Il-passaport/il-karta tal-identità legali tal-persuna awtorizzata

Jekk jogħġbok innota li l-firmatarju awtorizzat se jkollu juża l-EU Login[16] tiegħu jew tagħha stess biex jiffirma l-Ftehim tal-Għotja.

## 11. PUBBLIĊITÀ

Regoli dwar l-identità viżiva li trid tiġi rispettata fl-azzjonijiet pubbliċitarji mill-benefiċjarji rigward l-inizjattiva WiFi4EU tista' tinstab hawn: https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/policies/wifi4eu-free-wi-fi-europeans.

## 12. INFORMAZZJONI GĦALL-APPLIKANTI U L-PROĊEDURA TAS-SOTTOMISSJONI

[14] Il-mudell tal-Ftehim tal-Għotja huwa disponibbli fuq il-paġna web tas-sejħa: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu

[15] Din il-formola hija disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu

[16] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq dwar kif jinkiseb EU Login.

### 12.1. L-informazzjoni għall-applikanti

Informazzjoni prattika dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (jiġifieri, il-mudell ta' Ftehim tal-Għotja, il-Programm ta' Ħidma emendat tat-Telekomunikazzjonijiet tas-CEF tal-2017, il-Programm ta' Ħidma tal-2018, il-leġiżlazzjoni rilevanti) hija disponibbli fuq il-paġna web tal-WiFi4EU tal-INEA: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu.

L-applikanti huma mħeġġa li jikkonsultaw dan is-sit web, kif ukoll il-feed tat-Twitter tal-INEA (@ inea_eu) regolarment sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

Il-mistoqsijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' din is-sejħa għandhom ikunu indirizzati lill-Helpdesk tas-sejħa, aċċessibbli permezz tal-Portal WiFi4EU[17]. It-tweġiba tingħata mill-Helpdesk direttament fl-indirizz tal-posta elettronika li fiha tkun intbgħatet il-mistoqsija.

It-tweġibiet abbażi ta' mistoqsijiet rikorrenti jistgħu jiġu ppubblikati fil-lista tal-mistoqsijiet frekwenti disponibbli fuq is-sit web[18] tas-Suq Uniku Diġitali, u aċċessibbli wkoll fil-paġna web ta' din is-sejħa.

### 12.2. Il-proċedura tas-sottomissjoni

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati biss b'mod elettroniku, kemm-il darba d-dokumenti meħtieġa jiġu mtella fuq il-Portal WiFi4EU bl-użu tal-kont tal-EU Login użat għar-reġistrazzjoni tal-muniċipalità fil-Portal. Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi wara d-data tal-ftuħ tas-sejħa: **is-7/11/2018 fis-13:00:00 CET (Ħin ta' Brussell)** u qabel l-iskadenza tas-sejħa: **id-9/11/2018 fil-17:00:00 CET (Ħin ta' Brussell).** L-applikazzjonijiet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE se jiġu aċċettati.

L-applikant jista' jagħfas il-buttuna biex jissottometti l-applikazzjoni fi kwalunkwe ħin. Madankollu, kwalunkwe tentattiv biex tissottometti qabel il-ftuħ formali tas-sejħa għall-applikazzjonijiet skont l-arloġġ tas-server ċentrali se jiġi miċħud awtomatikament. L-applikant se jkun infurmat immedjatament u se jkun jista' jerġa' jipprova. L-applikant se jkun infurmat ladarba l-applikazzjoni tkun ġiet sottomessa b'suċċess wara l-ftuħ tas-sejħa.

Ara wkoll it-taqsima 6 hawn fuq dwar il-forniment ta' dokumenti ta' sostenn meħtieġa.

L-applikanti se jiġu informati dwar ir-riżultati tal-proċess tal-għażla fiż-żmien dovut.

## 13. PROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI

It-tweġiba għal kull sejħa għall-applikazzjonijiet tinvolvi l-irrekordjar u l-ipproċessar ta' *data* personali (bħall-isem u l-indirizz) permezz tal-Portal WiFi4EU. Din id-*data* tiġi pproċessata skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.

[17] Ara www.wifi4eu.eu
[18] Ara https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/policies/wifi4eu-free-wi-fi-europeans

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-mistoqsijiet u kwalunkwe *data* personali mitluba se jiġu pproċessati biss għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-għoti ta' vawċers skont is-sejħiet għal applikazzjonijiet u f'każ ta' applikazzjonijiet b'suċċess, għall-fini tal-ġestjoni tal-għotjiet. Id-*data* personali inkluża fl-applikazzjoni (isem, kunjom, indirizz tal-email, il-pożizzjoni tas-suġġett tad-*data* fl-organizzazzjoni, karti tal-identità/passaport) se tiġi pproċessata fi ħdan il-limiti stabbiliti bir-Regolament 45/2001[19] u abbażi tat-tagħrif li jkun meħtieġ.

Il-kontrolluri konġunti tad-*data* huma d-DĠ CONNECT u l-INEA.

Id-dettalji dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tal-applikant jinsabu fl-istqarrija ta' privatezza disponibbli fuq il-homepage tal-Portal WiFi4EU.

Id-*data* personali tal-applikant (eż. l-isem, l-indirizz, il-forma ġuridika u l-isem ta' persuni b'setgħat ta' rappreżentazzjoni) tista' tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Individwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija (EDES) stabbilita mill-Kummissjoni, f'każ li l-benefiċjarju jinsab f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 136(1) u 141 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046[20].

Għal aktar tagħrif dwar l-EDES (inklużi r-raġunijiet li għalihom tkun irreġistrata fil-bażi tad-*data*), jekk jogħġbok ara:
http://ec.europa.eu/budget/explained/management/protecting/protect_en.cfm

u l-istqarrija tal-privatezza tal-EDES li tinsab fuq:
http://ec.europa.eu/budget/library/explained/management/protecting/privacy_statement_edes_en.pdf

L-applikanti huma infurmati li, sabiex jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni huma protetti, id-*data* personali tagħhom tista' tintbagħat lis-servizzi interni ta' awditjar, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-entità speċjalizzata fl-irregolaritajiet finanzjarji (il-Bord dwar l-Irregolaritajiet Finanzjarji) jew l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

[19] Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A32001R0045
[20] Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1533027354880&uri=CELEX:32018R1046